MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1062/2003

**Masco Security Services Limited**

**vs**

**Valerio Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici ghall-bejgh u installazzjoni ta' apparat elettroniku da parti tas-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu ta'l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja tal-24 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-notaipprezentata mis-socjeta attricifit-12 ta' Dicembru 2003, li permezz taghha it-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta' Lm210.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici, kif ridotta, tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------